III

*(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

## DEĊIZJONI TAL-KUNSILL

**tas-27 ta' Novembru 2008**

**li timplimenta l-Azzjoni Konġunta 2007/749/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja u Ħerzegovina**

(2008/890/PESK)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/749/PESK tad-19 ta' Novembru 2007 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea (EUPM) fil-Bosnja u Ħerzegovina ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) tagħha, flimkien mat-tielet inċiż tal-Artikolu 23(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fid-19 ta' Novembru 2007, il-Kunsill addotta l-Azzjoni Konġunta 2007/749/PESK, li tipprevedi li l-EUPM għandha tinżamm sal-31 ta' Diċembru 2009. Il-baġits għall-2008 u l-2009 għandhom jiġu deċiżi fuq bażi annwali.

(2) Il-mandat tal-EUPM ser ikun eżegwit fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tmur għall-agħar u li tista' tkun ta' ħsara għall-objettivi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni kif stabbilit fl-Artikolu 11 tat-Trattat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja li għandu jkopri l-ispejjeż marbutin mal-implimentazzjoni tal-Azzjoni Konġunta 2007/749/PESK għandu jkun ta' EUR 12 400 000 għall-2009.

2. Il-ġestjoni tal-ispejjeż finanzjarji għall-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandha ssir skond il-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. ALLIOT-MARIE

---

([1]) ĠU L 303, 21.11.2007, p. 40.